16 ta' Novembru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Henry Vassallo *versus* Frank Agius ne.

**Dwana — Dazju — Konfiska —**

**Art. 69 (2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana.**

*Oġġetti li jiġu maqbudin għax ma jkunx tħallas dazju fuqhom jiġu konfiskati bis-saħħa tal-liġi stess tad-Dwana, jekk fi żmien 30 ġurnata minn dak il-qbid il-persuna nteressata ma tagħtix avviż bil-miktub lill-Kollettur tad-Dwana li trid titlob lura dawk l-oġġetti, jew li fiħsiebha titlobhom lura, u fi żmien 30 ġurnata minn dak l-avviż ma tibdiex il-proċeduri meħtieġa quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti.*

*Il-fatt li l-uffiċjal li jeżegwixxi dik l-elevazzjoni jgħid lil dak li jkun li huwa qed jeleva l-oġġetti għax ma ħallsux dazju, huwa biżżejjed biex dak jifhem li dik l-elevazzjoni saret taħt il-liġi tad-Dwana.*

*L-uffiċjal li jagħmel l-elevazzjoni, jew uffiċjali oħra, ma humiex obligati jgħarrfu b'din il-proċedura lil min kellu f'idejh l-oġġett elevat; u wisq anqas l-obligu li jispjegawhielu.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, mogħtija fis-17 ta' Lulju 1950, huwa ġie liberat mill-akkuża kontra tiegħu magħmula illi xjentement ġie fil-pussess ta' ħdax arloġġi ta' l-idejn —sitta minnhom bl-istrap u ħamsa minnhom mingħajrha—li fuqhom ma tħallasx dazju, bit-talba għall-konfiska ta' l-istess arloġġi; u illi, għall-finijiet ta' l-istess kawża ċitata, il-Pulizija Eżekutiva kienet elevat dawk l-istess arloġġi sabiex jiġu —u fil-fatt ġew—eżibiti f'dik il-kawża; u illi, meta huwa mar biex jirtira l-istess arloġġi, il-konvenut nomine għamel oppożizzjoni għall-irtir tagħhom, u fis-16 ta' Awissu 1950 infurmaħ, għall-finijiet ta' l-art. 69 (1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 60), illi dawk l-arloġġi kienu ġew konfiskati; u illi huwa, bl-ittra tiegħu tat-22 ta' Awissu 1950, għamel oppożizzjoni għal dik il-konfiska, skond dak li jingħad fl-art. 69 (2) ta' l-istess Ordinanza tad-Dwana; u illi, ladarba bis-sentenza fuq imsemmija huwa ġie liberat mill-akkuża, kif ukoll mit-talba għall-konfiska ta' l-arloġġi, u wkoll illi, jekk fuq dawk l-arloġġi ma tħallasx dazju, huwa b'dana ma kienx jaf meta akkwisthom, u li skond il-liġi l-aġir tal-konvenut nomine mhux sostenibili; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-arloġġi fuq imsemmijin ma għandhomx ikunu suġġetti għal ebda konfiska, u konsegwentement li jiġu liberament mogħtijin lura lilu mir-Reġistru tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fejn jinsabu eżibiti ma' l-atti tal-kawża fuq ċitata. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, fejn issottometta illi t-talbiet ta' l-attur mhumiex ammissibili, għaliex huwa ma uniformax ruħu mad-dispożizzjoni ta' l-art. 69 (2) ta' l-Ordinanza fuq ċitata, billi naqas li, fi żmien ta' tletin ġurnata mill-qbid ta' l-arloġġi—liema qbid sar fil-15 ta' April 1950—jagħti avviż bil-miktub lill-Kollettur tad-Dwana li jitlob lura, jew li kien bil-ħsiebu jitlob lura, l-istess arloġġi

maqbuda; u għalhekk l-arloġġi għandhom jitqiesu konfiskabili bis-saħħa tal-liġi stess;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-arloġġi in kwistjoni — li ma ħallsux dazju — ġew maqbudin fil-preżenza ta' l-attur, possessur tagħhom, fil-15 ta' April 1950, taħt l-Ordinanza tad-Dwana—liġi fiskali, u kwindi letteralment interpretabili;

Illi skond l-art. 69 (2) ta' dik l-Ordinanza, dawk l-arloġġi ġew konfiskati bis-saħħa tal-liġi stess; għaliex l-attur naqas, fi żmien tletin (30) ġurnata mill-qbid tagħhom, jiġifieri, fil-każ preżenti, mill-15 ta' April 1950, jagħti avviż bil-miktub lill-konvenut nomine li huwa jitlob lura dawk l-arloġġi, jew li biħsiebu jitlobhom lura; u mbagħad, fi żmien tletin ġurnata minn dak l-avviż, jibda l-proċediment meħtieġ quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti;

Illi l-attur jippretendi li huwa mexa kif trid il-liġi meta, fit-22 ta' Awissu 1950, kiteb lill-konvenut nomine li jitlob lura l-arloġġi, u li jipproċedi skond il-liġi jekk ma jiġux lilu rilaxxjati fi żmien tlitt ijiem; iżda dana l-avviż ġie mill-attur mogħti in risposta ta' l-ittra tal-konvenut nomine, in risposta ta' l-ittra tiegħu ta' sitt ijiem qabel, biex jgħarrfu li l-arloġġi kienu ġew konfiskati taħt is-subartikolu (2) ta' l-art. 69 tal-Liġi tad-Dwana ġà fuq ċitata. L-avviż ġie mill-attur mogħti wisq wara 30 ġurnata mill-qbid ta' l-istess arloġġi, jiġifieri meta ġà kienu ġew konfiskati bis-saħħa tal-liġi stess konformement għal dak li hemm maħsub fl-art. 69 (2) tal-Liġi tad-Dwana;

Illi l-attur jallega li l-uffiċjal li eleva l-oġġetti ma qallux li kien qiegħed jagħmel l-elevazzjoni tagħhom taħt l-Ordinanza tad-Dwana; iżda mill-provi jirriżulta li dak l-uffiċjal qallu li kien qiegħed jeleva l-arloġġi għaliex ma ħallsux dazju; u dana kien biżżejjed biex l-attur jifhem li kienu qegħdin jiġu maqbudin taħt l-imsemmija Ordinanza. Huwa jipprova wkoll jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jimxi skond il-proċedura ndikata fl-imsemmi art. 69 (2) billi jgħid li meta l-arloġġi ġew elevati, la l-uffiċjal li għamel l-elevazzjoni, u lanqas uffiċjali oħra, ma spjegawlu dik il-proċedura; iżda—u dan, del resto, lanqas ma hemm bżonn li jiġi rilevat — l-uffiċjali li elevaw dawk l-oġġetti ma kellhom ebda dover skond il-liġi li jgħarrfu

ill-attur bl-imsemmija proċedura; wisq anqas li jispjegawhielu;

Illi lanqas ma tista' tiġi milqugħa l-pretensjoni ta' l-attur li, sabiex jitqies li l-arloġġi ġew elevati taħt l-Ordinanza tad-Dwana, kien hemm bżonn tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-uffiċjal li eżegwixxa l-qbid jew tal-mandat ta' l-Attorney General jew ta' Maġistrat, kontemplati fl-art. 68 (1) ta' l-istess Liġi tad-Dwana; u dan għaliex jidher biżżejjed ċar minn dak li jingħad f'din id-dispożizzjoni tal-liġi u minn dik ġà fuq ċitata, kontenuta fl-artikolu sussegwenti, illi d-dikjarazzjoni ġuramentata jew il-mandat fuq imsemmi huma rikjesti biss għat-tfittxija, fuq suspett, f'dar, bini, jew reċint ieħor, ta' oġġetti hemm milqugħa, miżmuma jew moħbija, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita, jew li ma ħallsux dazju. F'dan il-każ ma saret l-ebda tfittxija fi djar, bini jew reċinti oħra, fuq suspett simili; l-arloġġi ġew elevati għax kienu jidhru fil-vetrina tal-ħanut ta' l-attur;

Illi fl-aħħarnett, u in rigward tal-liberazzjoni ta' l-attur mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, invokata mill-attur—liberazzjoni bażata fuq il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni—ir-riżultamenti ta' Qorti Kriminali ma jistgħu jeżerċitaw l-ebda influwenza fuq din id-deċiżjoni; konsegwenza naturali ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju li nsegwu illi l-azzjoni penali u azzjoni ċivili huma eżerċibili indipendentement waħda mill-oħra;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi t-talbiet ta' l-attur; iżda in vista taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, tordna li l-ispejjeż ma jiġux taxxati. Id-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur.